MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Appell Kriminali Numru. 388/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Graziella Muscat)**
**Vs**
**Gilbert D’Ugo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fis-sena 2008 u fis-snin ta’ qabel, f’Rahal Gdid u fi bnadi ohra f’awn il-Gzejjer

1. gibed jew ippermetta li jingibded xi ritratt, filmat, video recording jew xbieha elettronika indicenti ta’ persuna taht l-eta jew ipproduca, qassam, xerred, importa, esporta, offra, bejgh, ittrasmetta jew wera xi ritratt, filmat, video recording jew bieha elettronika indicenti cioe’ ta’ Daniel Bartolo;
2. fl-istess dati, lok u cirkostanzi b’diversi atti mahgmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin

b'risoluzzjoni wahda ippartecipa f'attivita' sesswali ma' minuri ta' sittax-il sena, cioe' ma' Daniel Bartolo.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 t'Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 204C(1) u 208 tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati skond l-akkuza w ikkundannatu ghal perjodu ta' prigunerija ta' sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta' Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant hati taz-zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu, tirriformaha fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena aktar gusta w ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi dan l-appell qed ikun limitat biss ghal dak li jikkoncerna l-piena.

Illi f'dan is-sens l-appellant jilmenta li tenut kont tac-cirkostanzi speci tal-kaz, il-piena erogata fuqu mill-Ewwel Qorti, ghalkemm fil-parametri tal-ligi, kienet wahda eccessiva stante illi giet imposta fuqu piena karcerarja effettiva ta' sena, w ghalhekk fid-dawl ta' dak suespost, l-appellant umilment jissottometti li setghet tigi mposta piena hafna aktar ekwa w gusta.

2. Illi l-appellant jaghmel referenza wkoll ghal fatt illi l-minuri ga kellu esperjenzi sesswali precedentament ghal dan il-kaz, inoltre meta gara l-kaz Daniel kellu sittax-il sena – guvni ta' certi esperjenzi u mhux xi tifel li mhux kapaci jiehu certi decizjonijiet.

L-appellant li huwa persuna ta' kondotta nadifa, ammetta fl-iktar stadju bikri tal-proceduri, filfatt ammetta fl-ewwel dehra, w kien ammetta l-involviment tieghu ma' dan il-guvni anke fl-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija.

F’dan l-istadju illi ghalkemm l-Ewwel Qorti semmiet dawn il-fatturi, fil- konsiderazzjonijiet taghha, meta giet biex timponi l-piena fuq l-appellant, jirrizulta illi dawn il-fatturi ma gewx effettivament riflessi fil-piena.

Fil-kawza “Il-Pulizija vs Carmen Buttlet”, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta’ Frar, 2009, il-Qorti kkristalizzat proprju dan il-principju u cioe’ illi Qorti ta’ Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-Ewwel Qorti, sakemm ma jigix manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett jew cirkostanzi partikolari tal-kaz, bhal fil-kaz in dezamina.

Ikkunsidrat :

Illi dan l-appell huwa limitat ghall-piena. L-appellant deherlu li peress illi rregistra ammissjoni bikrija, kkoopera mall-Pulizija w li ghandu fedina penali netta ppretenda illi ma kellux jinghata piena ta’ prigunerija effettiva. Da abbinat mar-rakkomandazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur li l-appellant ma jmurx il-habs.

L-appellant allega wkoll illi l-minuri kien diga’ ppartecipa f’atti sesswali ma’ adulti ohrajn u ma kienx hemm korrispottiv ta’ flus f’dawn is-sessjonijiet l-ghaliex l-appellant kien jaf lill-minuri sew u ma kienitx l-ewwel darba illi kien jghaddhilu xi flus. Argumenta wkoll li ghall-hsara li saret ma kienx jisthoq piena karcerarja w talab lil din il-Qorti illi zzomm bilanc bejn id-dannu li sar lis-socjeta’ w ir-reat.

Minn naha l-ohra l-Avukat Generali gibed l-attenzjoni tal-Qorti tal-Appell illi kien hemm differenza kbira fl-eta’ bejn l-appellant u l-minuri. L-appellant dak iz-zmien kellu sittin sena w il-minuri sittax il-sena w kien hemm mill-inqas ghaxar okkazzjonijiet fejn kellhom relazzjonijiet sesswali w ghaddew xi flus.

L-Avukat Generali wkoll gibded l-attenzjoni tal-Qorti illi ma kienx hemm kontestazzjoni fuq l-ammonti li ghaddew, u kien hemm zewg okkazzjonijiet fejn l-appellant ha “video recording” tal-atti li kienu ghaddejjin mal-minuri. Di piu’ l-

piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet fil-parametri tal-Ligi w ghalhekk ma kienx il-kaz illi din is-sentenza tigi disturbata.

Ikkunsidrat :

Illi din il-Qorti hija ferm riluttanti illi tbiddel decizjoni tal-Ewwel Qorti aktar u aktar meta l-argumenti migjuba mid-difiza fil-Qorti tal-Appell huma l-istess argumenti illi ngabu quddiem l-Ewwel Qorti. Veru illi kien hemm okkazzjonijiet fejn il-Qorti tal-Appell bidlet sentenzi ta’ prigunerija effettiva ghall-wahda ta’ ordni ta’ servizz fil-komunita’ a tenur tal-Artikolu 11 tal-Kap. 446, pero’ din hija xi haga rari w m’ghandux ikun hemm rikors ghal din l-alternattiva b’mod legger.

Fl-appell tieghu l-appellant irrifera ghal kaz “Il-Pulizija vs Carmen Butler” deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta’ Frar, 2009, fejn il-Qorti kkonfermat principju stabbilit li ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti “sakemm ma jigix manifestament ippruvat li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett jew cirkostanzi partikolari tal-kaz”.

L-appellant donnu qieghed jghid illi l-Ewwel Qorti ma tatx importanza ghall-argument tieghu illi l-appellant ghamel dikjarazzjoni bikrija, kkoopera mall-Pulizija w dana kien l-ewwel reat tieghu. Biex ma jinghad xejn dwar il-fatti speci tal-kaz, kif spjegat lil din il-Qorti.

Bir-rispett din il-Qorti ma taqbilx ma’ l-argument tal-appellant. Irrizulta illi l-Ewwel Qorti tat importanza lil xi aspetti u cirkostanzi partikolari tal-kaz u semmiethom fis-sentenza taghha. Tant hu hekk illi fit-tielet pagna tar-rikors tal-appell l-appellant qal : “........ ghalkemm l-Ewwel Onorabbli Qorti semmiet dawn il-fatturi fil-konsiderazzjonijiet taghha, meta giet biex timponi l-piena fuq l-appellanti rrizulta illi dawn il-fatturi ma gewx effettivament riflessi fil-piena.”

Din il-Qorti jidhrilha illi l-Ewwel Qorti m’hiex marbuta bl-argument u sottomissjonijiet maghmula minn parti jew

ohra. Fil-waqt illi huwa minnu li ghandha tikkonsidra dawn l-argumenti w sottomissjonijiet, bl-ebda mod m'ghandha tikkondizzjona d-decizzjoni taghha fuq dawn l-argumenti jekk ma taqbilx maghhom, u dan huwa proprju dak illi gara l-Ewwel Qorti li fid-deskrizzjoni taghha, wara li semghet kollox, iddecidiet illi kellha tinfliggi piena karcerarja effettiva flok piena ohra.

Bhal ma ghamlet din il-Qorti f'kawza "Il-Pulizija vs Carmelo Schembri, deciza fit-28 t'April, 1995 " huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul minn l-Ewwel Qorti, jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik il-Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha."

Din il-Qorti ghamlet dak l-apprezzament approfondit u waslet ghall-konkluzzjoni, li l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni taghha.

Il-piena nflitta hija fil-parametri tal-ligi w jekk l-Ewwel Qorti wara li semghet il-provi deherilha illi kellha tinfliggi dik il-piena, ladarba dik il-piena hija wahda legali u ragjonevoli mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------